

**Brussell, 19 ta' Novembru 2018
(OR. en)**

13824/18

**COASI 259
ASIE 60
CFSP/PESC 1051
CSDP/PSDC 661
RELEX 968
COHOM 144
COTER 161
DEVGEN 212
WTO 295
MIGR 191
TRANS 553
CLIMA 226
CONOP 105
COPS 435**

EŻITU TAL-PROCÈDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	13822/18
Suġġett:	Il-Pakistan - konklużjonijiet tal-Kunsill (19 ta' Novembru 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pakistan, kif adottati mill-Kunsill fit-3652 laqgħa tiegħu li saret fid-19 ta' Novembru 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pakistan

1. L-UE tilqa' b'sodisfazzjoni il-fatt li f'Lulju 2018 saru l-elezzjonijiet ġenerali minkejja l-ambjent diffikultuż. L-UE tfaħħar it-titjib li sar fil-qafas legali elettoral, f'konformità ma' xi uħud mir-rakkomandazzjonijiet tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali (MOE) tal-UE 2013. Madankollu, l-UE jiddispjaċiha li UE-MOE 2018 ma tħallitx twettaq il-mandat tagħha b'mod adegwat. L-UE tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Pakistani biex jieħdu inkonsiderazzjoni r-rapport finali tal-UE-MOE 2018 u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu fl-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati u t-titjib tas-sistema elettoral.
2. L-UE hija lesta taħdem mal-Gvern Pakistani l-ġdid biex tappoġġa l-isforzi tiegħu fl-avvanz tar-riformi soċjali u ekonomiċi, filwaqt li jiġi żgurat l-aċċess għall-edukazzjoni, u jiġu indirizzati l-faqar u l-inugwaljanza permezz ta' governanza tajba u r-rispett tal-istat tad-dritt.
3. Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt huma l-elementi ċentrali tal-involvement tal-UE mal-Pakistan. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Pakistan biex iwettaq l-impenji internazzjonali tiegħu u jagħmel dan bl-isforzi kollha tiegħu. L-UE tiġbed attenzjoni partikolari għal-libertà tar-reliġjon u t-twemmin, l-abbużi tal-liġi tad-dagħa, il-libertà tal-espressjoni u dik tal-media, l-ispazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili, id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għall-minoranza, u li n-nisa u t-tfal igawdu b'mod sħiħ id-drittijiet tal-bniedem tagħhom. L-UE tinkoraġġixxi lill-Gvern biex josserva u jipproteġi b'mod sħiħ id-drittijiet tal-bniedem. Soċjetà ċivili u akkademja enerġetiċi għandhom rwol qawwi fil-promozzjoni u l-appoġġ ta' soċjetà demokratika, trasparenti u affidabbli. L-UE thegġegħ bil-qawwa lill-Pakistan biex jerġa' jdaħħal il-moratorju bħala l-ewwel pass lejn it-tneħħija tal-piena tal-mewt. L-UE ser tkompli tappoġġa lill-Pakistan fl-implimentazzjoni sħiħa tal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem tiegħu, billi jsaħħaħ id-demokrazija tiegħu u josserva l-istat tad-dritt.

4. L-UE tibqa' wkoll sieħeb qawwi tal-Pakistan fit-twettiq tal-iżvilupp sostenibbli. F'dan il-kuntest, l-UE tirrikonoxxi r-rwol importanti tal-NGOs (Internazzjonali) u l-kontribut tagħhom għall-obiettiv akbar li l-Pakistan isir soċjetà fejn l-ilħna kollha jkunu jistgħu isibu spazju sinifikattiv. L-UE nnotat bi tħassib ir-restrizzjonijiet imposti fuq diversi NGOs(I) li qed jaħdmu fuq proġetti ta' kooperazzjoni fil-Pakistan u tinkoraġġixxi lill-Gvern Pakistani jsi soluzzjoni bil-ħsieb li jiffaċilita r-reġistrazzjoni tagħhom u jippermettilhom iwettqu l-attivitajiet tagħhom.
5. Bħala wieħed mis-sħab kummerċjali l-aktar importanti tal-Pakistan, l-UE hi persważa li l-Pakistan jeħtieġ jiddiversifika l-esportazzjonijiet tiegħu biex jimmassimizza l-valur miżjud tal-iskema GSP+ u l-impatt pożittiv tagħha fuq l-ekonomija tal-pajjiż. Il-progress sostanzjali fl-implimentazzjoni tas-27 konvenzjoni internazzjonali fl-ambitu tal-iskema GSP+ jibqa' indispensabbli biex tissokta l-kopertura taħt ir-reġim ta' tariffa preferenzjali. Fir-rigward tal-kondizzjonijiet kummerċjali u ta' investiment, l-UE tinkoraġġixxi lill-Pakistan jindirizza l-isfidi strutturali persistenti u jnaqqas id-diffikultà biex isir in-negozju. L-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għan negozju u investimenti barranin fil-Pakistan għandu jkun prijorità.
6. L-UE tixtieq li ssaħħaħ il-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża u tinnota b'sodisfazzjoni li reġa' beda d-djalogu f'dan il-qasam u reġgħu bdew isiru d-Djalogi annwali dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu u n-Nonproliferazzjoni u d-Diżarmament. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-impenn politiku ta' livell għoli tal-Pakistan li jaħdem mat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF), b'mod partikolari permezz tal-Pjan ta' Azzjoni li għandu jiġi implimentat sa Settembru 2019, u li jsaħħaħ u jimplimenta l-politiki tiegħu dwar il-finanzjament għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u kontra l-ħasil tal-flus. L-UE tinkoraġġixxi wkoll lill-Pakistan jistinka biex jikseb l-ogħla standards possibbli fis-sikurezza nukleari u s-sigurtà, kif ukoll li kollu rwol kostruttiv fid-diskussjonijiet tad-diżarm multilaterali, u jirratifika jew jorbot flimkien trattati u inizjattivi ta' nonproliferazzjoni rilevanti, bħat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari.

7. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza kbira li jagħti għall-kooperazzjoni msaħħa mal-Pakistan fil-qasam tal-migrazzjoni, b'mod partikolari bil-ħsieb li jinkiseb progress dwar ir-ritorn aċċellerat jew r-riammissjoni, l-integrazzjoni mill-ġdid tal-persuni rimpatrijati u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u it-traffikar tal-bnedmin, kif maqbul fil-Ftehim ta' Riammissjoni UE-Pakistan, li għandu jiġi implimentat b'mod effettiv. Waqt li tinnota l-aħbar mill-Prim Ministru tal-Pakistan f'Settembru 2018, il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Pakistan jieħu passi konkreti fit-titjib tal-istatus legali tar-refuġjati Afgani fuq it-territorju tiegħu. L-UE tappoġġa approċċ komprensiv għall-indirizzar tas-sitwazzjoni taċ-ċittadini spostati Afgani, li jkun jikkonforma mal-liġi internazzjonali u jirrispetta bis-siġħ id-drittijiet tal-bniedem.
8. L-UE tistenna b'interess li tkompli l-ħidma mal-Pakistan fit-trawwim ta' kooperazzjoni reġjonali inklużiva, fost l-oħrajn permezz tas-SAARC. L-UE tinkoraġġixxi bil-qawwa lill-Pakistan iżid l-impenn tiegħu f'inizjattivi kostruttivi għall-appoġġ tal-paċi fl-Afganistan u jintensifika t-tweqqif tal-kooperazzjoni tiegħu mal-pajjiżi ġirien, li jkun jikkontribwixxi għall-istabbiltà reġjonali. Il-Pakistan irid jiżgura li t-territorju tiegħu ma jintużax bħala post ta' kenn mill-organizzazzjonijiet terroristi u n-netwerks tagħhom. L-UE tilqa' l-impenn bilaterali bejn l-Afganistan u l-Pakistan u l-inizjattivi bil-għan li jitrawwem djalogu bejn l-awtoritajiet reliġjużi miż-żewġ pajjiżi, u tappella għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Afganistan-Pakistan għall-Paċi u s-Solidarjetà (APAPPS). Filwaqt li l-fokus primarju tagħha huwa fuq l-iżvilupp u r-riformi ta' governanza tal-Afganistan, il-Konferenza Ministerjali ta' Ġinevra li jmiss fis-27/28 ta' Novembru 2018 hija opportunità ta' għajjnuna biex il-Pakistan jafferma mill-ġdid l-appoġġ politiku tiegħu għall-paċi u l-istabbiltà fl-Afganistan. Barra minn hekk, l-UE tappella lill-Pakistan u lill-Indja biex jerġgħu jibdew djalogi bilaterali sabiex jirrisolvu l-kwistjonijiet kollha pendent b'mod paċifiku.
9. F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ottubru 2018 dwar "Nikkollegaw l-Ewropa mal-Asja", l-UE tistenna b'interess li taħdem mal-Pakistan dwar il-konnettività sostenibbli bħala kontribut pożittiv għall-istabbiltà, il-prosperità u l-iżvilupp reġjonali. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni ta' konnettività ambjentalment, soċjalment u fiskalment sostenibbli kif ukoll komprensiva u bbażata fuq ir-regoli u l-ħolqien ta' infrastruttura ta' kwalità bbażata fuq standards internazzjonali.

10. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-vulnerabbiltà tal-Pakistan għat-tibdil fil-klima u jinkoraġġixxi lill-Gvern tiegħu biex iżid l-isforzi tiegħu biex b'mod sħiħ u rapidu jimplimenta l-Ftehim ta' Pariġi.
 11. L-UE tistenna b'interess li jissaħħaħ il-qafas tagħha għall-impenn mal-Pakistan, permezz tal-iffirmar tal-Pjan ta' Impenn Strateġiku l-ġdid UE-Pakistan (SEP) kmieni kemm jista' jkun. Il-Kunsill jitlob lill-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni Ewropea biex jirrapportaw b'mod regolari dwar l-implimentazzjoni tal-SEP.
-